**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A63/11

6 t' Ottubru 2011

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/63**

Il-laqgħa tal-Kunsill ser issir l-Erbgħa 12 t'Ottubru **2011, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gżira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. Diskussjoni u Approvazzjoni tas-sejħa għall-offerti GLC 006/2011 – *Upgrading of Kerbs and Pavements in Zone 1 – The Strand and Town Centre*.
6. *Update* ta' *Tenders - GLC002/2010 Mixed Household Waste –LC003/2010 Public Private Partnership*
7. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-*Management Letter*
8. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' *Trial Balance January – February – March 2011 & 1st Quarterly Report*.
9. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet *GLC10/2011 Playing Field Equipment & GLC11/2011 Supply & Install of Outdoor Gym and Equipment.*
10. Affarijiet oħra
11. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Rowena M Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

16 ta' Novembru 2011

Ref Nru.Klg5/063

Minuti tal-laqgħa Nru Klg5/63 li saret l-Erbgħa 12 t'Ottubru 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

**Preżenti**

Sitt membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Chris Bonett, l-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Ian Micallef, Malcolm Camilleri u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

Attendiet għall-parti mill-laqgħa, l-*Accountant* Johanna Caruana

**Skużat**

Il-Kunsillier Anthony Grech

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa.

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fis-6 t' Ottubru 2011.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1** Il-minuti tal-laqgħa Klg5/63 tat-12 t'Ottubru 2011, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2** Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**2. Materji Konnessi**

**2.1 Paġna Nru: 2 para 1.4** – Il-Kunsill ġie nfurmat, li x-xogħol ta' 231 Triq D'Argens Gżira, kien sar madanakollu, fuq parir tekniku tal-Perit, il-kuntrattur tqabbad direttament mir-resident u l-Kunsill abazi ta' deċiżjoni meħuda fil-laqgħa preċedenti, irid jirrimborża lir-resident.

**2.1.1** Inqrat *e-mail* ta' ringrazzjament, fl-liema *e-mail*, kien hemm imnizzel ukoll, li dan kien ser jieħu azzjoni diretta fil-konfront tal-Perit tat-*Transport Malta*.

**2.2 Paġna Nru: 2 para 2.1 -** Il-Kunsill ġie nfurmat, li wara li saru l-aċċertamenti kollha mid-ditta *Vodafone* din infurmat, li ma kienx possibbli li jintuża l-*culvert* kif oriġinarjament talbet u għall-konferma tal-Kunsill jekk kienitx xorta waħda ser tinstalla *WiFi system* bla ħlas fix-Xatt tal-Gżira, r-risposta kienet fin-negattiv, għaliex l-installazzjoni kienet marbuta ma' l-użu tal-*culvert*.

Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tal-Viċi-Sindku li għandha ssir laqgħa ma' din id-ditta.

**2.3 Paġna Nru: 3 para 2.2 –** Il-Kunsill ġie nfurmat, li l-persuna li kienet qed tagħmel *community work,* kien ser ikompli jiġi darba u mhux darbtejn fil-ġimgħa minħabba l-fatt, li kien sab impieg.

**2.4 Paġna Nru: 3 para 2.4** - Il-Kunsill ġie nfurmat, li l-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma kkonfermat li kienet irċievet ir-risposta u kienet ser tiddiskutiha ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

**2.5 Paġna Nru: 6 para 3.5** – Abazi ta' l-informazzjoni miġbura, insegwitu tar-risposti li l-Kunsill irċieva, liema risposti, ġew ċirkulati lill-membri tal-Kunsill kollu permezz ta' *e-mail*, il-Kunsill qabel li għandna nikkonfermaw mad-Dipartiment tas-Servizzi u Manifattura li x-xogħol isir għall-prezz ta' €1,109.20 li jikkonsisti, fi brix u żebgħa taż-żewġ *gazebos* li hemm fix-Xatt tal-Gżira liema xogħlijiet, huma previsti li jibdew f'April 2012.

**2.5.1** Il-Kunsill ġie nfurmat, li ħaddiema tal-Gvern kienu qed jiżbgħu l-ħadid u ċ-cint tax-Xatt.

**2.6 Paġna Nru: 4 para 2.5** – In segwitu ta' l-*e-mail* li dan il-Kunsill irċieva mit-*Transport Malta* fejn fost l-affarijiet imsemmija, ġiet kkonfermata fuq bażi permanenti l-*loading/unloading bay* ta' quddiem l-*Oġġetti Stationery* fi Triq Manoel de Vilhena, l-Kunsill iddeċieda, li kollox jibqa' kif

deċiż mit-*Transport Malta* u reġa' kkonferma d-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa preċedenti, li għandha tintbagħat l-ittra lir-residenti flimkien ma' l-approvazzjoni tal-*loading/unloading bay* fl-istess triq quddiem *Camilleri Funerals* sabiex ir-residenti, jkunu jistgħu jressqu l-ilmenti tagħhom direttament ma' l-Awtorita' konċernata.

**2.6.1** Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Viċi-Sindku, li għandna nitolbu lit-*Transport Malta* sabiex il-*loading/unloading bay* li hemm fi Triq Carlo Manche' li kienet isservi għall-*Matthews Green Grocer*, għandha titneħħa u ssir faċċata fejn ġie trasferit il-ħanut.

**2.7 Paġna Nru; 4 para 2.8** – B'eżitu tar-risposta li l-Kunsill irċieva mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, fejn din il-Korporazzjoni kkonfermat li x-xogħol sar skont l-i*standards* iżda, ma ssottometiet ebda ċertifikazzjonijiet kif mitluba, s-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kienet iddiskutiet din il-materja ma' l-*Accountant*. Il-parir ta' l-*Accountant* kien, li filwlaqt li l-Audituri jitolbu kopja taċ-ċertifikazzjonijiet tekniċi qabel ma l-Kunsill ikun għadda l-pagament, hi kienet tal-fehma, li l-każ għandu jiġi referut għall-attenzjoni tas-Sur Pio Farrugia, l-persuna teknika fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern lokali. Hi kompliet tgħid, li għalkemm sa dak in-nhar tal-laqgħa l-Kunsill kien għadu ma rċiviex risposta bil-miktub, madanakollu, verbalment kien informa, li ċ-ċertifikazzjonijiet mitluba jiddependu mid-dokument ppubblikat għas-Sejħa għall-Offerti u dwar din l-interpretazzjoni, għandu jittieħed parir minn persuna legali.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament, li għandna nitolbu l-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill.

**2.8 Paġna Nru: 5 para 2.11.** – B'eżitu ta' deċiżjoni meħuda fil-laqgħa preċedenti u l-*e-mails* skambjati dwar it-tariffa applikabbli, l-Kunsill qabel unanimament, li r-rata skont il-*Byelaws* għandha tiġi riveduta u għalhekk, din il-materja għandha tkun waħda mill-*items* fuq l-*Agenda* sabiex tiġi trattata fil-laqgħa li jmiss.

**2.9 Paġna Nru: 7 para 3.7** – Il-Kunsill ġie nfurmat, li s-Sur Franco Naudi għan-nom tad-ditta *Active Media Outdoor Advertising* kien laqa' l-proposta tal-Kunsill, li jinstalla *advertising barriers* fis-*central strip* tax-Xatt faċċata ta' Triq Ponsonby u għalhekk, kien issottometta *artistic impression* tagħhom flimkien ma' oħra għal Triq Sliema. Minħabba d-deċiżjoni tal-Kunsill li għar-raġunijiet ta' sigurta' dan is-sit kien tħalla vakanti, s-Sur Naudi ppropona li r-*railing* li jerġa' jsir ikun bħalma hemm b'reklamar inserit fihom.

Il-Viċi-Sindku qal, li filwaqt li dawk ta' Triq ix-Xatt għandhom ikunu preferibbilment dritti u mhux *at an angle* kif issuġġerit, dik ta' Triq Sliema għandha titħalla għall-istess raġuni msemmija fil-laqgħa preċedenti.

Il-Kunsill qabel mal-Viċi-Sindku.

**2.10 Paġna Nru; 8 para 6.1** Il-Kunsill ġie nfurmat, li l-Ministru responsabbli mis-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunita' laqa' t-talba tal-Kunsill u ġiet appuntata laqgħa għat-18 t'Ottubru 2011 fil-11.00 a.m. fil-Ministeru. Kemm is-Sindku kif ukoll, il-Viċi-Sindku kkonfermaw li ser jattendu.

**2.11 Paġna Nru: 9 para 7.1 –** Il-Kunsill qabel unanimament, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku, mal-kwotazzjoni għat-tiżjin tad-dawl tat-toroq fil-festi tal-Milied liema kwotazzjoni, kienet ġiet ċirkulata lill-membri kollha tal-Kunsill permezz ta' *e-mail*.

**2.12 Paġna Nru: 10 para – 11.1** – Il-Kunsill qabel unanimament, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku, mal-kwotazzjoni għar-reċipjenti ta' l-Iskart liema kwotazzjoni, kienet ġiet ukoll, ċirkulata lill-membri tal-Kunsill permezz ta' *e-mail*.

**3. Korrispondenza**

**3.1** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat-12 t'Ottubru 2011 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom:

**3.3** Inqrat l-ittra b'risposta mis-Sur Tonio Sultana in segwitu tal-korrispondenza ta' l-ittra mibgħuta mill-Kunsill fid-19 ta' Settembru 2011. Filwaqt li ttieħdet nota tal-konenut tagħha, l-Kunsill qabel li wara li jitlesta x-xogħol ta' l-asfaltar, it-tabelli u ż-żebgħa tat-toroq jerġu' jsiru.

**3.4** Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Ivan Pierre Vella – *Senior Manager* fi ħdan it-*Transport Malta* datata 28 ta' Settembru 2011, permezz ta' liema, l-Kunsill ġie nfurmat li sabiex jingħata servizz aħjar lill-passeġġieri, Transport Malta kienet ser tintroduċi r-rotta 110 li kienet ser tgħaddi mit-toroq Flotta, Belvedere u San Albert. Il-Kunsill ġie nfurmat, li sabiex dan is-servizz seta' jingħata kien meħtieġ li Transport Malta tneħħi l-ewwel parking bay kantuniera ma' Triq D'Argens mit-Toroq Flotta u San Albert kif ukoll, tneħħi l-build out tal-bankina fi Triq Belvedere k/ma' Triq il-Flotta.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-Kunsillier Anthony Abela li tiġ mmarkata l-parti li għandha titneħħa mill-built out tal-bankina ta' Triq Belvedere kif ukoll, kopja ta' din l-ittra flimkien ma' covering letter mill-Kunsill għandha tintbagħat lir-residenti tat-toroq konċernati sabiex ikunu nfurmati minn ha d-deċiżjoni li jitnaqqas il-parkeġġ.

**3.5** Il-Kunsill ma laqax it-talba tas-Sur Mario Magro Conti li joqgħod Nru: 55 u 58 Triq Belvedere li jerġa' jagħmel l-għetibi quddiem il-propjeta' tiegħu minħabba l-fatt, li dan il-fattur ikompli jirristrinġi l-aċċessibbilita għal kulħadd għar-raġuni li kemm il-bankina kif ukoll, it-triq huma dojoq ferm u ma jippermettux modifiċi.

**3.6** Il-Kunsill qabel unanimament li t-talba għall-rimborż mis-Sinjura Sultana, tiġi referuta għall-gwida legali ta' l-Avukat tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll, li għandha tintalab stima mid-ditta *UniKing International* sabiex it-*traffic calming measure,* li hemm eżistenti fi Triq Manoel de Vilhena tinbidel u ssir *rubberised* u għandha tiġi relokata fl-eqreb distanza permessa mill-kantuniera ta' ma' Triq ir-Rebħa.

**3.7.** Kif komunikat, lill-Kunsilliera kollha permezz ta' e-mail datata 5 t'Ottubru 2011, d-Dipartiment Għall-Gvern Lokali nforma, li filwaqt li l-Kunsill kien irċieva r-raba' *tranche* ta' l-allokkazzjoni finanzjarja, kien ġie mnaqqas l-ammont ta' €11,161.45 bħala penali talli kemm il-*financial statements* kif ukoll, ir-rapport ta' l-Auditur għas-sena 2010, ma kienux ġew sottomessi fil-ħin stipulat.

Il-Viċi-Sindku qal, li l-membri kollha kienu jafu b'din is-sitwazzjoni, l-Kunsillier Anthony Abela, kkumenta, li d-Dipartiment qatt ma kien ċar dwar din il-materja filwaqt li l-Kunsillier Ian Micallef irrimarka, li dan kien b'eżitu ta' żball ta' l-*Accountant* preċedenti u għalhekk, ġa la darba dan ma kienx jiddependi la mill-membri tal-Kunsill u lanqas mill-Amministrazzjoni kif ukoll, il-Kunsill kien ħa l-miżuri sabiex jingaġġa *Accountant* ġdid, kien qed jipproponi li għandha tinkiteb ittra lid-Dipartiment, sabiex abazi ta' dak hawn fuq spjegat, tiġi rekunsidrata din il-multa.

Il-Kunsill qabel unanimament

Is-Segretarju Eżejkuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill jista' wkoll, ikun penalizzat għaliex ma żamx maż-żmien stipulat f'*Memo 106/2010*, biex jissottometti r-risposta tal-*Management Letter*

**3.8.** Il-Kunsill ġie nfurmat, li permezz ta' *e-mail* datata 28 ta' Settembru 2011, mibgħuta minn Marthese Baldacchino, għan-nom tal-*U.I.F.*, ġiet kkonfermata d-deċiżjoni meħuda mill-Kumitat u kkomunikata lill-Kunsill fis-6 ta' Mejju 2011, li l-*emended BOQ* għall-kuntratt ta' *Zone 1* tal-Bankini, ġiet aċċettata. Dan ifisser, li ma kienx hemm għalfejn li l-kuntratt jiġi rivedut biex tiġi nkluża l-*emended BOQ* kif talab il-Kunsill iżda kien importanti, li meta tiġi sottomessa t-talba għall-ħlas mill-Perit, fl-*Architect's Declaration*, dan ta' l-aħħar għandu jnizzel is-somma oriġinarjament approvata iżda t-talba tal-pagament, ma taċċediex is-somma tal-*BOQ* emendata.

**3.9** In vista tal-fatt, li l-Pubbliku kien għadu qed jiffrekwenta x-Xatt, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-Chairman ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela man-nefqa ta' €329.22 sabiex il-*mobile toilets* jinżammu sa l-aħħar t'Ottubru 2011.

**3.10** B'eżitu ta' e-mail iċċirkulata lill-Kunsillieri kollha, s-Sibt 24 ta' Settembru 2011, dwar permessi maħruġa mill-Kunsill għas-*selling booths* fix-Xatt, il-Kunsill ġie nfurmat li d-Departiment ta' l-Artijiet huwa l-Awtorita' regolatorja. Is-Segretarju Eżekuttiv kient gwidata biex tagħmel kuntatt ma' wieħed mill-assistenti Diretturi iżda sa dak in-nhar tal-laqgħa ma kienx possibbli għaliex il-persuna kienet imsiefra.

**3.11** Il-Kunsill qabel unanimament, mal-Fishing Competition, li kienet ser tiġi organizzata mill-*Mount Carmel Band Club* il-Ħadd, 16 t'Ottubru 2011, fix-Xatt tal-Gżira fil-parti bejn Toroq Belvedere u Ponsonby.

**3.12** Il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata attivita fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira, mill-*Gżira Girl Guides* il-Ħadd 13 ta' Novembru 2011.

**3.13** Il-Kunsill ġie nfurmat, li abazi ta' l-ilment li kien irċieva mingħand is-Sur Joe Mifsud dwar *overspeeding* fix-Xatt u talba għall-installazzjoni ta' *speed camera*, l-każ ġie referut għall-Kumitat tar-Reġjun u għall-attenzjoni ta' l-Ispettur Micallef, Għassa Sliema.

**3.14** Il-Kunsill ma laqax it-talba tas-Sur Edmond Falzon li titneħħa l-*Bring-In-Site* li hemm fi Triq Dott Guże Miceli, madanakollu, għandha ssir pressjoni sabiex jiġi assigurat li l-*area* tal-madwar tagħhom tiġi mnaddfa regolarment mill-kuntrattur responsabbli.

**3.15** l-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1** Tressqet l-Iskeda tal-Ħlasijiet Klg5/63 minn Nru:2491 sa Nru:2533 (ara *appendix* Nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2** Wara diskussjoni qasira, l-iskeda tal-ħlasijiet minn Nru: 2491 sa Nru: 2533 ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**5. Diskussjoni u Approvazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti *GLC006/2011 – Upgrading of Kerbs and Pavements in Zone 1 – The Strand and Town Centre***

**5.1.** Saret referenza għall-minuti tal-Kumitat ta' l-Aġġudikazzjoni li kienet intbagħtet lil kull membru tal-Kunsill permezz ta' *e-mail* fejn fiha kien qed jiġi rrakkomandat li din is-Sejħa għall-Offerti għandha tintrebaħ mid-ditta *Polidano Bros Ltd* minħabba l-fatt, li kienet l-orħos offerta u mill-esperjenza, dan il-Kunsill kien soddisfatt bix-xogħol imwettaq minnha.

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat it-*tender analysis* li kienet talbet lill-Perit iħejji bħala t-tekniku tal-Kunsill f'dan il-qasam.

F'dan ir-rapport, il-Perit informa, li ssottomettenti *J.&K Contractors Ltd* u *Polidano Bros Ltd* kienu *complaint*, bl-informazzjoni kollha meħtieġa u l-*BOQ* oriġinali kienet kompluta bir-rati kollha mitluba, għall-kuntrarju tas-sottomettent *WH Works Ltd* li kien ser jagħmel *subcontracting* tax-xogħol kollu u pproduċa *a faithfull copy* tal-*BOQ*, fir-rispett ta' liema, kien rakkomandat li s-sottomissjoni ta' din id-ditta ma tiġix kkunsidrata.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku, li din is-sejħa għall-offerti tintrebaħ mid-ditta *Polidano Bros Ltd*. minħabba l-fatt, li kienet l-aktar offerta vantaġġjuza li tissodisfa r-rekwiżiti kollha.

Il-Kunsillier Ian Micallef iddikjara li kien qed jaqbel ma' din id-deċiżjoni b'riżerva u dan abazi ta' l-argument mressaq minnu fil-laqgħa preċedenti u cioe' li l-bankini għandhom isiru b'materjal aktar superjuri bħal ma qed isir f'*promenades* oħra.

Il-Viċi-Sindku reġa' nforma li għalkemm ser isiru bil-*concrete paving*, dawn ser ikollhom *finishing differenti* minn dawk li qed isiru preżentament fit-Toroq Stuart u Ponsonby.

**6. *Update ta' Tenders GLC002/2010 – Mixed Household Waste – GLC003/2010 Public Private Partnership***

**6.1.1 *Tender GLC002/2010***

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Qorti ffissat is-smiegħ għall-kawża ta' l-appell Mario Borg eżerċenti l-kummerċ bl-isem *Borg Skip Hire Service* vs Kunsill Lokali – il Gżira għas-6 ta' Diċembru 2011, fid-09.00 a.m.

L-Avukat Massimo Vella kkonferma li kien ser jidher għan-nom tal-Kunsill

**6.1.2** ***GLC003/2010 Public Private Partnership***

Il-Kunsill ġie nfurmat, li ntalbet il-gwida tad-Dipartiment dwar proċeduri ta' ħlas għas-servizzi u bankini li qed isiru fl-istess toroq li l-asfalt tagħhom ser jitħallas skont l-iskema tal-*P.P.P.* Abażi tar-risposta tas-Sur Pio Farrugia, għan-nom tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali, intalbet il-konferma tal-Perit bħala l-persuna responsabbli mit-tħejjija tad-dokument tas-Sejħa għall-Offerti sabiex jiġi assigurat li l-pagamenti qed isiru kif suppost, għaliex l-iskema ta' ripagamenti fuq meddha ta' tmien snin hi biss għal xogħlijiet ta' *resurfacing*.

Il-Viċi-Sindku ta' rendikont tal-progress tax-xogħlijiet, li l-bankini fi Triq Stuart kienu tlestew, ix-xogħol ta' bankini fuq l-aħħar parti ta' Triq Ponsonby kien għaddej fuq ritmu tajjeb u kien previst li t-Tnejn 17 t'Ottubru 2011, jibda t-tqaxxir tal-wiċċ ta' Triq Stuart.

**7. Diskussjoni u Approvazzjoni tar-risposta tal-*Management Letter***

**7.1** Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef mar-risposta tal-*Management Letter* kif emendata.

**8. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' *Trial Balance January – February – March 2011 & 1 Quarterly Reports***

**8.1** Tqassmu kopji tar-rapporti finanzjarji sopracitati, kopja ta' liema kienet diġa' ntbagħtet permezz ta' *e-mail* u l-membri tal-Kunsill intalbu jressqu l-kummenti tagħhom.

Wara li l-*Accountant* spjegat u kkjarifikat xi punti mressqa, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef ma' dawn ir-rapporti finanzjarji.

**9. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet *GLC10/2011 Playing Field Equipment & GLC11/2011 Supply & Install of Outdoor Gym Equipment***

**9.1** Rigward is-suġġett sopraċitat, il-Kunsill qabel unanimament li jimxi mal-proċedura stabbilita u cioe' li jinħatar *Ad Hoc Committee* u l-membri kienu l-Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Anthony Abela u Ian Micallef.

**10. Affarijiet Oħra**

**10.1** Il-Viċi-Sindku nforma li waqt l-aħħar laqgħa tar-Reġjun, kien talab li l-minuti jiġu *recorded* sabiex ikun hemm mezz ta' verifika f'każ ta' bżonn.

**10.2** Il-Kunsill qabel unanimament li abazi tat-talba tal-Kunsillier Victor Rutter, il-Viċi-Sindku bħala l-persuna responsabbli mill-marki tat-toroq, jivverifika jekk il-*parking bay* ta' ħdejn *GESCO signs* tistax minn waħda *parallel* mal-bankina tiġi konvertita f'żewġ *fishbone parkings*.

**10.3** Rigward il-*parking bay* li hemm fi Triq Reid k/ma' Triq Kubrit, il-Kunsillier Ian Micallef qal, li kienu avviċinawh xi residenti fejn infurmawh li dan il-parkeġġ qiegħed f'distanza t' inqas minn ħames metri minn kantuniera u skont huma, t-*Transport Malta* kienet diġa' kitbet lill-Kunsill sabiex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu skont ir-regolamenti tat-traffiku.

**10.4** il-Viċi-Sindku ġibed l-attenzjoni għall-fatt, li minkejja ċ-ċirkulari li l-Kunsilli rċievew mill-*I.P.S.L.* li l-ħaddiema tagħhom ma jistgħux jagħmlu xogħol fejn hemm kuntratti, xorta waħda għad hemm numru ta' Kunsilli li jagħmlu dan. Matul id-diskussjoni li saret, ġie deċiż li din il-materja għandha tiġi trattata fil-laqgħa li kienet ser issir mas-Sur Joe Saetta fit-13 t'Ottubru 2011, fejn tinġieb għall-attenjoni l-punt mressaq mill-Viċi-Sindku u jekk dawn il-ħaddiema jistgħux jintużgħu għal dan it-tip ta' xogħol fil-fratemp li jiġi mogħti kuntratt ġdid.

**10.5** Il-Kunsillier Ian Micallef staqsa dwar x'kien sar fir-rispett tal-mozzjoni mressqa minnu u approvata waqt il-laqgħa tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2011.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li minn naħa ta' l-Amministrazzjoni, kienu ġew *updated* il-*general conditions* skont *legal notice 296/2010* u mibgħuta permezz ta' *e-mail* lill-Kunsillieri kollha għall-approvazzjoni tagħhom u li kien jonqos hu, li jiġu verifikati mill-Kunsill l-i*specific conditions*.

Il-Kunsill qabel unanimament, li din materja għandha tingħata l-attenzjoni meħtieġa sabiex sal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss jibdew jitressqu d-dokumenti għas-Sejħiet Għall-Offerti għall-approvazzjoni.

## 11. Laqgħa Oħra

**11.1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m. u ġiet aġġornata għas-16 ta' Novembru 2011.

| | |
|---|---|
| Dott Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: Klg5/63

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg5/63 12.10.2011** **Data:** 16.09.2011 - 12.10.2011

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | The Toolbox | €5.56 | €5.56 | D | repair of benches - Ġnien | 01.09.11 | 10548 | 2491 | 41/2011 | | 7353 |
| 2 | The Toolbox | €6.94 | €6.94 | D | repair of benches - Ġnien | 05.09.11 | 10551 | 2491 | 42/2011 | | 7353 |
| 3 | The Toolbox | €10.20 | €4.25 | D | re benches less C/Note 10034 | 26.09.11 | 10578 | 2491 | 43/2011 | | 7353 |
| 4 | The Toolbox | €8.35 | €8.35 | D | repair of benches - Ġnien | 26.09.11 | 10579 | 2491 | 44/11 | | 7353 |
| 5 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €3,284.00 | D | allocated MSW Waste - August 2011 | 15.09.11 | 011945 | 2492 | | | 7354 |
| 6 | J.F. Mallia Ltd | €22.50 | €22.50 | D | Job No: 202 Street Light | 22.09.11 | 623 | 2493 | | | 7355 |
| 7 | Kop Tab Sinjali | €589.38 | €589.38 | T | Traffic Signs Job No: 9008 | 06.09.11 | 15309 | 2494 | | | 7356 |
| 8 | Kop Tab Sinjali | €798.21 | €798.21 | T | Road Markings Job No: 10952 | 16.08.11 | 15333 | 2495 | | | 7357 |
| 9 | Kop Tab Sinjali | €92.91 | €92.91 | T | Road Markings Job No: 10953 | 16.08.11 | 15334 | 2496 | | | 7358 |
| 10 | S.Rausi Trading | €52.98 | €17.98 | D | Drinking water - office | 27.09.11 | 11145809 | 2497 | | | 7359 |
| | Alfa Co. Ltd | €107.40 | €107.40 | D | Rentals & Copies 13.07.11 - 12.08.11 | 31.08.11 | 74356 | 2498 | | | 7360 |
| 12 | Alfa Co. Ltd | €53.62 | €53.62 | D | Rentals & Copies 01.08.11 - 31.08.11 | 31.08.11 | 74357 | 2498 | | | 7360 |
| 13 | GO plc | €80.47 | €80.47 | D | Tel Nos:21334254-21341034Calls Aug -Rent Sept.2011 | 16.09.11 | 26575665 | 2499 | | | 7343 |
| 14 | GO plc | €47.43 | €47.43 | D | Tel No: 21322157 - Calls Aug Rent Sept. 2011 | 16.09.11 | 26576242 | 2500 | | | 7342 |
| 15 | Melita plc | €278.71 | €278.71 | D | Hello Service 08.09.2011 - 07.10.2011 | 08.09.11 | 31034287 | 2501 | | | 7341 |
| 16 | Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | K | Craft Lessons - Sept. 2011 | 30.09.11 | 23 | 2502 | | | 7344 |
| 17 | Joe Borg | €46.59 | €46.59 | D | Duck Food - Sept. 2011 | 30.09.11 | 29 | 2503 | | | 7361 |
| 18 | Emanuel Mifsud | €5,590.50 | €5,590.50 | T | Door to Door Collection - Sept. 2011 | 30.09.11 | 94 | 2504 | | | 7362 |
| 19 | Emanuel Mifsud | €432.87 | €432.87 | T | Skip Hire - September 2011 | 30.09.11 | 95 | 2505 | | | 7363 |
| 20 | Emanuel Mifsud | €836.06 | €836.06 | T | Public Convenience - September 2011 | 30.09.11 | 96 | 2506 | | | 7364 |
| | Sub Total c/f | | €12,678.73 | | | | | | | | |
| | Total | | €12,678.73 | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 16.09.2011 - 12.10.2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Emanuel Mifsud | €990.80 | €990.80 | T | Bulky Refuse - 181 Calls August 2011 | 30.09.11 | 97 | 2507 | | | 7365 |
| 22 | Squire Bookshop | €44.50 | €44.50 | D | Newpapers - September 2011 | 30.09.11 | 8926 | 2508 | | | 7366 |
| 23 | Joe Bonnici & Sons | €318.60 | €318.60 | D | Hire of Mobile Toilets 01.09.11 - 30.09.11 | 30.09.11 | 6214 | 2509 | | | 7367 |
| 24 | Env. L/scapes Cons. | €2,212.92 | €2,212.92 | T | Maint of Soft Areas - Sept. 2011 | 30.09.11 | 7862 | 2510 | | | 7368 |
| 25 | Env. L/scapes Cons. | €90.00 | €90.00 | T | diff.to be paid re R/Sheet 2125-inv 6808 Dec2010 | 30.09.11 | | 2511 | | | 7369 |
| 26 | M/Carmel Band Club | €70.00 | €70.00 | D | Avviż lill-Pubbliku - Festa | 05.07.11 | | 2512 | | | 7370 |
| 27 | Aldo Vella & Assoc | €542.08 | €542.08 | D | Professional fees&disbursements - GLC002/2010 | 16.09.11 | MV/566/9 | 2513 | | | 7371 |
| 28 | | | | | Collection of Mixed H'Hold Waste | | -2011 | | | | |
| 29 | Alberta F&S Equip Ltd | €1,901.18 | €1,901.18 | K | Security Equip - Admin Office | 03.10.11 | 70798 | 2514 | | | 7372 |
| 30 | Alberta F&S Equip Ltd | €1,277.61 | €1,277.61 | K | Security Equip - Admin Office | 03.10.11 | 80568 | 2514 | | | 7372 |
| 31 | ITS Ltd | €177.00 | €177.00 | D | Partner Support Annual fee Jan-Dec 2012 | 01.10.11 | SOR | 2515 | | | 7373 |
| 32 | | | | | | | 110550 | | | | |
| 33 | C.S.D. Office Trade | €17.58 | €17.58 | D | A4 Copy Paper | 04.10.11 | 36497 | 2516 | | | 7374 |
| 34 | d'Aniens Dev. Ltd | €9,358.60 | €9,358.60 | T | Annual Lease Act. Centr.01.11.11 30.10.12 | 05.10.11 | | 2517 | | | 7375 |
| 35 | Central Flower Shop | €25.00 | €25.00 | D | Flowers Funeral Paul Grima 06.10.11 | 06.10.11 | 9969 | 2518 | | | 7376 |
| 36 | G4S Sec. Serv Malta Ltd | €38.05 | €38.05 | D | Cash In Transit - Sept. 2011 | 30.09.11 | GS003539 | 2519 | | | 7377 |
| 37 | Joe Bugeja & Assoc | €700.64 | €700.64 | T | C/M fee Ponsonby Stuart - resurfacing | 30.09.11 | RFP817 | 2520 | | | |
| 38 | Joe Bugeja & Assoc | €151.22 | €151.22 | T | Arch. Services - July 2011 | 30.09.11 | RFP818 | 2521 | | | 7378 |
| 39 | Joe Bugeja & Assoc | €130.60 | €130.60 | T | Arch. Services - August 2011 | 30.09.11 | RFP819 | 2522 | | | 7379 |
| 40 | Standard Publications Ltd | €171.81 | €112.34 | D | Adv.-P/field Equip/Gym Equip. | 17.09.11 | 74534 | 2523 | | | 7380 |
| | Sub Total c/f | €18,218.19 | €18,158.72 | | | | | | | | |
| | Sub Total b/f | €0.00 | €12,678.73 | | | | | | | | |
| | Total | €18,218.19 | €30,837.45 | | | | | | | | |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

Approvati fis-Seduta Nru:

D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

Kunsillier Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 16.09.2011 - 12.10.2011

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Dept of Information | €9.32 | €9.32 | D | Adv Gov Gazz GLC10/GLC11/2011 | 13.09.11 | | 2524 | | | 7345 |
| 42 | Mita | €416.85 | €416.85 | D | Connectivity - Oct to December 2011 | 06.10.11 | SIN | 2525 | | | 7382 |
| | | | | | | | 25322 | | | | |
| 43 | J.J.&J.M. Co. Ltd | €27.78 | €27.78 | D | Consumables Ad. Office - August 2011 | 31.08.11 | | 2526 | 001-002-003 | | 7381 |
| 44 | J.J.&J.M. Co. Ltd | €39.03 | €39.03 | D | Consumables Ad. Office - Sept.2011 | 30.09.11 | | 2527 | 004-005-006 | | 7383 |
| 45 | Emanuel Mifsud | €95.00 | €95.00 | T | Extra Service 10.07.2011 Festa | 30.09.11 | 98 | 2528 | | | 7384 |
| 46 | J.F. Mallia Ltd | €381.00 | €381.00 | D | installation of Poles for WiFi - Ġnien | 07.10.11 | 635 | 2529 | | | 7385 |
| 47 | J.F. Mallia Ltd | €345.74 | €345.74 | D | Manutenzjoni Bozoz Ġnien | 10.10.11 | 637 | 2530 | | | 7386 |
| 48 | Polidano Bros Ltd | €17,042.51 | €17,042.51 | T | on a/c Stuart Street | 28.09.11 | J11044/45 | 2531 | | | 7351 |
| 49 | Polidano Bros Ltd | €7,808.22 | €7,808.22 | T | on a/c Stuart Street | 11.10.11 | J11044/45 | 2532 | | | 7352 |
| 50 | J.F. Mallia Ltd | €238.64 | €238.64 | D | Street Light - Sept 2011 Job Nos: 203/204/205 | 05.10.11 | 632 | 2533 | | | 7387 |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€26,404.09** | **€26,404.09** |
| **Sub Total b/f** | **€18,218.19** | **€30,837.45** |
| **Total** | **€44,622.28** | **€57,241.54** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

Kunsillier

Kunsillier

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**